# Fil-Qorti tal-Magistrati ta' Malta
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Francesco Depasquale LL.M., (IMLI), LL.D.

## Illum il-Gimgha 10 t' April, 2015.

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**Vs**

**Francis Aquilina**

**Il-Qorti**,

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Francis Aquilina** ta' 54 sena, iben Joseph u Angela xebba Cassar, imwieled fit-12 ta' Lulju 1961 s-Siggiewi, residenti 18, Flat 1, Triq San Gakbu, is-Siggiewi, detentur tal-Karta ta' l-identita bin-numru 444461M;

Akkuzat talli nhar id-9 ta' April 2015 ghal habta tas-19:00 hrs zammej f' xi fond jew kellek fil-pussess tieghek, that il-kontroll tieghek jew garrejt barra minn xi fond jew fid-dintorni taghhom arma tan-nar u cioè pistol ta' l-ghamlha 1914 Automatic Pistol Mizulaica & Co Eibar u/jew arma tan-nar ohra/jew munizzjon minghajr licenza that l-Att dwar l-Armi.

Aktar talli fl-istess zmien, u cirkostanzi, nqast milli tavza minnufieh lill-Kummissarju tal-Pulizija bl-akkwist jew malli giet f' idejk arma tan-nar u cioè pistol ta' l-ghamlha 1914 Automatic Pistol Mizulaica & Co Eibar u/jew arma tan-nar ohra.

Aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, fl-istess data ksirt il-buon ordni pubblika b' ghajjat u glied.

Aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, kellek fil-pussess tieghek strument illi jaqghta u bil-ponta minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi ingurjajt u/jew heddidt fejn mhux imsemmi band' ohra, f' dan il-kodici jew meta provokat, ingurjat b' mod li hrigt mil-limiti tal-provokazzjoni lil George Borg, Christian Borg u/jew persuni ohra.

U aktar talli b' hekk sirt recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 et sequitur tal-Kodici Kriminali b' sentenzi moghtija mill-Qorti Magistrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi.

Rat il-Ligi senjatament l-Art. 338 (dd), 339 (d), 383, 49,50 u 412 tal-Kap 9, kif wkoll l-Art. 5 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ammissjoni ta' l-akkuzat;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena kemm mill-prosekuzzjoni u mid-difiza, kif wkoll mill-Avukat tal-parte civile.

Fuq ammissjoni ssibb lill-akkuzat hati ta' l-akkuzi kollha, timmultah multa komplessiva ta' (sitt mitt ewro) €600, pagabbli fuq medda ta' sitt xhud b' effett mill-1 ta' Mejju, 2015 u a tenur ta' Art. 412 C, il-Qorti qieghdha tipprojbixxi lill-akkuzat milli jkellem, javvicina jew jsegwi b' xi mod il-movimenti ta' George Borg u Christian Borg, kif wkoll il-familjari diretti taghhom u dana ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum. Tordna wkoll l-konfiska ta' l-arma u l-imwies li gewipprezentati mill-Prosekuzzjoni llum stess.

***Dr. Francesco Depasquale*** ***LL.M., (IMLI), LL.D.***
***Magistrat***

***Marisa Bugeja***
***Deputat Registratur***